MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Numru 15/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Hasan Omar Farag Ibrahim**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 15 tas-sena 2002 kontra l-akkuzat Hasan Omar Farag Ibrahim, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap li ghal xi jiem qabel is-sitta ta' Novembru
tas-sena elfejn, Hasan Omar Farag Ibrahim kien qed joqghod fil-lukanda Amin, gewwa Istanbul it-Turkija. B'xi mod jew iehor, hemmhekk huwa ipprokura w akkwista l-medicina perikoluza herojina minghand terza persuna bil-ghan li fis-6 ta' Novembru, 2000, huwa jimpurtaha f'Malta

u jaghmel kuntatti ma xi nies lokali sabiex eventwalment tigi mibjugha w immexxija hawnhekk.
Kmieni filghodu tal-imsemmi jum, Farag Ibrahim qabad titjira tal-Air Malta, numru KM 749, mit-Turkija ghal Malta. Wasal Malta ghall-habta tas-seba w nofs ta' filghodu.
Il-Pulizija Maltija kellhom taghrif anonimu li xi persuna fuq dik it-titjira kienet sejra ddahhal kwantita' kbira ta' droga f'Malta. Kien ghalhekk li kemm Ufficjali tal-Pulizija kif ukoll tad-Dwana taw attenzjoni kbira lill-passiggieri kollha provenjenti minn dik it-titjira. Minn dawk il-passiggieri kollha, spikka proprju Farag Ibrahim minhabba l-istat eccitat li kien fih. Kien ghalhekk li huwa gie segwit mill-mument li kien niezel isfel mal-carousel. F'dan l-insegwiment, huwa deher jigbor il-bagalja tieghu w jiccekkjaha sakemm ghadda mill-green channel. Kien hawnhekk li huwa twaqqaf mill-Ufficjali tad-Dwana sabiex issir tfittxija dettaljata fuq il-persuna tieghu w fl-effetti li huwa kien qieghed igorr. Minn fuq il-persuna tieghu ma nstab xejn, mentri l-bagalja li kien qieghed igorr, minhabba l-kobor taghha, ma setghetx tghaddi mill-X Ray Machine. Hawnhekk Farag Ibrahim beda jippanikja.
Mit-tfittxija li kienet saret fuq il-persuna ta' Farag Ibrahim hin qabel, kien irrizulta li bicca mill-coupon ticket li jkun imwahhal mat-ticket u li jikkorrispondi mal-bagalja, kien mizmum fil-glekk tieghu. Din il-bicca qablet mal-biljett li kien hemm imwahhal mal-bagalja. Kien ghalhekk li saret tfittxija manwali fil-bagalja.
Minn dik it-tfittxija irrizulta dak li apparentement kienu hwejjeg ippakkjati godda, bhal qomos, li pero' meta nfethu deheru li kienu fil-fatt qomos ferm uzati. Il-bagalja kienet tat-tip solidu, izda kellha l-qiegh taghha catt u dejjaq. Meta mimduda, il-bagalja kellha qiegh mill-gnub, bl-inforra ta' gewwa tinfetah biz-zipp, bil-flap tal-ghatu tal-inforra mwahhal fuq l-inforra stess. Taht l-inforra kien hemm kartuna lewn kannella, imwahhla bil-kolla mal-inforra u mal-qiegh. Meta l-Ufficjali gibdu l-inforra bil-kartuna l-barra sabu li mad-dawra tac-cinturin tal-hadid, fuq wara, kien hemm pakkett qisu twil xi tletin centimentru, ohxon centimentru w miksi bi plastik iswed.

L-imsemmija bagalja kienet pjuttost gdida. Fil-fatt Farag Ibrahim kien ghadu kemm xtraha il-jum ta' qabel mit-

Turkija minn hanut tal-bagalji. Mill-mument li huwa xtraha hadd izjed, hliefu, ma mess l-istess bagalja, u kien proprju hu li pogga l-affarijiet kollha li nstabu fiha meta l-Ufficjali Maltin ghamlu tfittxija fiha hawn Malta.

Farag Ibrahim kien ivvizzjat bid-droga, daqqa ipejjep il-haxixa w daqqa jahraq l-herojina. Fis-6 ta' Novembru, 2000, huwa kien gie Malta ghall-ewwel darba w kien fi hsiebu iqatta' xi jiem hawn qabel ma jkompli fi triqtu lejn il-Marokk.

L-affarijiet kollha li huwa kellu fil-bagalja tieghu, inkluz l-herojina mohbija, kienu kollha tieghu. Dak il-pakkett mohbi fil-fatt kien jikkontjeni kwantita' konsiderevoli ta' herojina. Farag Ibrahim kien jaf biha; anzi kien propju huwa stess, jew haddiehor bil-kunsens xjenti tieghu, li poggieha w hbieha bil-mod kif kienet mohbija fil-bagalja.

Id-droga herojina msemmija hija droga specifiata fl-ewwel Taqsim tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Illi l-imsemmi Hasan Omar Farag Ibrahim la kellu licenzja mill-President ta' Malta ghall-eghmil tieghu w anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija. Inoltre huwa ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w ma kellux licenzja w anqas kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija. L-istess Farag Ibrahim ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Farag Ibrahim sar hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Hasan Omar Farag Ibrahim, hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux

licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.
Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomor u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikli 7, 8(a), 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll dikjarazzjoni tal-imsemmi akkuzat bhala immigrant ipprojbit bil-konsegwenti hrug ta' ordni ta' tnehhija kontrih ai termini tal-artikolu 15 tal-Kapitolu 217, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat;
2) Wara li fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li dejjem fl-imsemmi jum tas-6 ta' Novembru tas-sena 2000, Hasan Omar Farag Ibrahim kien f'dawn il-Gzejjer xjentement fil-pussess tal-medicina perikoluza herojina. Dana ghaliex huwa kellu mohbija fuq il-persuna u l-effetti personali tieghu kwantita' konsiderevoli tal-imsemmija herojina, f'ammont ta' madwar aktar minn kilo, b'purita' pjuttost gholja, b'mod li setghet tigi mhallta aktar b'sustanzi ohra w iggib fuq is-suq lokali klandestin valur komplessiv ta' cirka hamsin elf Lira Maltin, u dana wkoll kif irrizulta minn tfixxija li saritlu fl-ajruport Internazzjonali ta' Malta fl-imsemmija gurnata.
Huwa kien hekk materjalment u xjentement fil-pussess tal-istess herojina appena importa l-istess herojina f'Malta bil-ghan u skop li mbaghad, kif ikun hareg mill-area Doganali ta' Malta, jghaddi il-pussess tal-istess herojina lil terzi persuni f'Malta sabiex tigi traffikata lokalment. Di fatti, Hasan Omar Farag Ibrahim kien ukoll b'xi mod personalment jabbuza mill-herojina.
Id-droga herojina msemmija hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Illi l-imsemmi Farag Ibrahim la kellu licenzja mill-President ta' Malta ghall-eghmil tieghu anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li

jforni d-droga msemmija. Inoltre Farag Ibrahim ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w ma kellux licenzja w anqas kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija. L-istess Farag Ibrahim ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Hasan Omar Farag Ibrahim sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Hasan Omar Farag Ibrahim, hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut

fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.
Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomor u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltin (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(I) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17(h), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll dikjarazzjoni tal-imsemmi akkuzat bhala immigrant ipprojbit bil-konsegwenti hrug ta' ordni ta' tnehhija kontrih ai termini tal-artikolu 15 tal-Kapitolu 217, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat il-verbal li bih l-akkuzat permezz ta' Dr. Leon Bencini ta ruhu notifikat bl-avviz u rrinunzja ghal kull terminu legali favur tieghu w ddikjara li l-kawza setghet tibda fis-seduta tat-13 ta' Mejju, 2003 u li bih ezenta lill-Qorti mill-qari tal-Att tal-Akkuza;

Rat illi waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju, 2003, l-akkuzat mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza , wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta , l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li hu kien hati ;

Tiddikjara ghalhekk lill-Hasan Omar Farag Ibrahim hati talli fis-6 ta' Novembru, 2000, ghal habta tas-7.30 a.m., fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta , importa , gieghel li tigi

mportata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett , u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza .

Kif ukoll tiddikjara lill-istess Hasan Omar Farag Ibrahim hati talli dejjem fis-6 ta' Novembru, 2000, ghall-habta tas-7.30 am., fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghaliha tapplika t-taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tal-istess mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medici Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b' xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija , b' dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu ;

Semghet ix-xiehda tal-hati nnifsu dwar il-piena ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur dwar il-piena ;

Rat il-verbal tal-abbli Prosekutur Dr. Mark Said, fejn iddikjara li l-Prosekuzzjoni, fid-dawl tax-xiehda guramentata offruta mill-hati, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, ghal finijiet ta' piena huwa applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap. 101;

Qieset li ghalkemm il-piena ghar-reati in dizamina hija dik ta' ghomor il-habs, skond l-artikolu 492 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta f'xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu, l-Qorti tista', minflok il-

piena msemmija, taghti l-piena ta’ prigunerija ghal zmien minn tmintax-il sena sa’ tletin sena ;

Qieset ukoll li skond l-artikolu 29 tal-Kap.101, meta l-hati jigi dikjarat mill-Prosekuzzjoni fil-process – kif gara f’dal-kaz – li ghin lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu provvdewlu l-medicina, il-piena titnaqqas dwar prigunerija bi grad wiehed jew tnejn, u, dwar piena pekunjarja , b’terz jew b’nofs;

Qieset ukoll li skond il-proviso tal-artikolu 22 (2) (aa) meta l-Qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-eta’ tal-hati, l-kondotta ta’ qabel tal-hati, l-kwantita’ tal-medicina w x-xorta w l-kwantita’ tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f’kazijiet bhal dawn il-Qorti tista’ tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta’ mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira ;

Qieset favur il-hati, l-fatt li hu rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-process u qabel ma giet iffurmata l-gurija, kif ukoll li sahansitra kien anki rregistra ammissjoni fl-istadju finali tal-kumpilazzjoni w cioe’ fis-seduta tas-6 ta’ Settembru, 2002;

Qieset il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b’hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi”, Qorti Kriminali , [24.2.1997] ; “Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa”, Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002] u BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.).

Qieset ukoll favur il-hati l-eta’ u l-istat ta’ sahha tieghu w l-kondotta incensurata tieghu kif ukoll iz-zmien li hu lahaq ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn l-akkuzi ; kif ukoll il-fatt li fil-kors tad-depozizzjoni tieghu

guramentata moghtija quddiem din il-Qorti ta taghrif li jista jwassal biex jittiehdu proceduri kemm kontra min issuplieh bid-droga fit-Turkija kif ukoll kontra d-destinatarju f’ Malta ; kif ukoll ic-cirkostanzi finanzjarji w familjari li hu kien jinsab fihom meta ndahal ghal din l-entrapriza li jipprova jdahhal id-droga f’ Malta; u li din kienet l-unika okkazjoni li fiha kien gie Malta ;

Qieset ukoll illi r-reat dedott fit-tieni Kap tal-Att tal-Akkuza serva bhala mezz ghall-fini biex seta’ jigi kommess ir-reat dedott taht l-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza u ghalhekk ghall-fini tal-konkors tal-piena ghandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta ; (Ara “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mansour Muftah Nagem “ (31.10.2002) ;

Qieset il-fatt li l-hati kien ivvizzjat bid-droga imma dan il-fattur zgur li fil-fehma ta’ din il-Qorti ma jimmitigax il-htija tieghu ghax dan mhux kaz ta’ pussess semplici ;

Mill-banda l-ohra qieset kontra l-akkuzat li dana kollu ghamlu ghall-qliegh ta’ kwazi elfejn dollaru Amerikan, u li kieku rmexxa l-progett tieghu, kienu jintefghu fis-suq Malti 1163.90 gramma eroina ta’ purita’ ta’ 48%, li kienet tkompli zzid mall-herba li d-droga qed tahsad fil-pajjiz, u dana b’abbuz tal-ospitalita’ li l-gens Malti tah bhala barrani li kien qed izur dawn il-Gzejjer , u li reati ta’ din ix-xorta qed jimpestaw minn barra lis-socjeta’ Maltija li ghandha kull dritt li tiddefendi ruha kontra dan l-assalt minn negozjanti tad-droga kemm lokali w kif ukoll barranin u ghalhekk irid ikun hemm pieni li jservu ta’ deterrent generali ;

Qieset ukoll li kif sew issottometta l-abbli Prosekutur l-istat ta’ sahha tal-hati , m’ghandux iservi bhala skuzanti jew attenwanti w ghall-massimu jista’ jwassal biex din il-Qorti tirrakkomanda lill-Awtoritajiet tal-Habs Civili ta’ Kordin biex jipprovdulu – kif dejjem del resto jaghmlu – kura medika adegwata izda vigilata kull meta jkun hemm bzonn b’mod li jigi assikurat li l-hati jservi s-sentenza li ser tinghatalu;

Qieset finalment il-piena li nghatat minn din il-Qorti f'kazijiet analogi recentement biex ikun jista' jinzamm certu proporzjon u relativita' fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita' tar-reat in kwantu l-kwantita' u purita' tad-droga mportata, meta jkun applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap. 101 u jkun hemm ammissjoni bikrija, w dana bil-ghan li jkun hemm certa uniformita' f'sentenzi li jirrigwardaw din il-marterja;

Rat l-artikoli 9, 10(1) 14,15A,20,22 (1)(a),(1B),(2)(a)(i)(aa),(3A),(d),26 u 29 tal-Kap.101, ir-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939), l-artikoli 11, 14, 17(h), 23, 492 u 533 tal-Kap.9 u l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Tikkundanna lill-hati Hasan Omar Farag Ibrahim ghall-piena ta' ghaxar snin prigunerija, b'dana li minn dan il-periodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll li jhallas multa ta' sbatax il-elf lira Maltin (LM17,000) u jekk din ma tithallasx minnufieh tigi awtomatikament konvertita fi' tnax (12) il-xahar prigunerija ohra skond il-ligi , kif ukoll li jhallas is-somma ta' mija w hamsa w ghoxrin lira Maltin u hamsa w sebghin centezmu (LM125.75c), import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u , fil-waqt li tiddikjara lill-hati Hasan Omar Farag Ibrahim bhala immigrant ipprojbit , tordna li jinhareg ordni ta' tnehhija tieghu minn dawn il-Gzejjer skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ordni ghandu jigi esegwit appena w biss wara li jiskonta l-piena tieghu skond din is-sentenza. .

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati ;

Tordna ukoll id-distruzzjoni tal-istess droga a kura tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm fi zmien hmistax il-jum mil-lum l-

Avukat Generali b'Nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohra kontra terzi  w b'dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b'verbal lil din il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta,

Fl-ahhar nett tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum,  jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------